

# Il-Kappella tal-Immakulata Kunċizzjoni
## – 325 Sena ta' Storja

Kitba ta' Evan Bonello

Ftit huma dawk li jkunu nieżlin jew tielgħin Triq San Ġorġ fil-Bajja Spinola li jafu li l-Kappella tal-Kunċizzjoni għadha kemm għalqet tliet mija u ħamsa għoxrin sena minn meta nbniet fl-1687 u l-istess anniversarju s-sena ddieħla minn meta nfetħet u ġiet iddedikata lill-Immakulata Kunċizzjoni. Din il-Kappella nbniet minn flus il-Markiż Spinola meta f'dak iż-żmien San Ġiljan kien raħal ta' ftit sajjieda u bdiewa imma mogħni b'għelieqi b'siġar tal-frott u dwieli. Il-familja Spinola kienet magħrufa mhux biss f'Ġenova, l-Italja, imma wkoll mal-Ewropa kollha. Matul is-sekli, din il-familja tat lid-dinja bosta professjonisti u dinjitarji. Uħud kienu Kavallieri fl-Ordni ta' San Ġwann meta dan kien jaħkem Malta fosthom il-Kavallier Fra Paolo Raffaele Spinola, Gran Prijur ta' Lombardija u l-Balliju Giovanni Battista Spinola, Ammiral tal-flotta tal-Ordni. Uħud minnhom huma midfuna fil-Knisja Konventwali tal-Ordni, illum il-Kon-Katidral ta' San Ġwann fil-Belt Valletta.



Il-Kappella tal-Immakulata Kunċizzjoni wara r-restawr li sarilha fuq barra

Il-Markiż Francesco Napoleone Spinola di Roccaforte kien akkwista ħafna artijiet f'Malta. Huwa kien devot kbir tal-Madonna u għalhekk iddeċieda li jwaqqaf abbazija f'Malta. Il-Markiż ma kienx fl-Ordni ta' San Ġwann u għalhekk huwa pprovda l-flus u nnomina lil ħuh, Fra Paolo Raffaele, bħala l-ewwel rettur li jibbenefika minn din l-abbazija. Il-piżijiet tal-abbazija kien li ssir quddiesa kull nhar ta' Ħadd fil-Kappella tal-Kunċizzjoni u quddies oħra kull nhar ta' Ħadd fi knisja oħra; li jinxtegħel il-lampier; u li l-knisja tiġi armata bil-bżonnijiet kollha. Fra Paolo Raffaele ħa ħsieb ta' kollox. Il-fundazzjoni tal-abbazija ġiet irreġistrata mill-Markiż Spinola fl-atti tan-Nutar Francesco de Ferraris ta' Ġenova fit-18 ta' Novembru 1689.

Sitt snin wara li nbniet il-kappella diġà kien hemm qassis residenti, Dun Martinu Cauchi, li kien iqaddes kuljum u jamministra s-Sagramenti mhux biss lill-Gran Prijur Spinola u lis-servitù li kellu, imma wkoll lir-raħħala Ġiljaniżi. Wara Fra Paolo Raffaele, bħala rettur tal-fondazzjoni laħaq neputih Fra Giovanni Battista Spinola. Huwa ħa l-pusses tal-fundazzjoni fit-

22 t'Awwissu 1692 u żied fil-fundazzjoni li l-Festa tal-Immakulata Kunċizzjoni tiġi ċċelebrata fil-Kappella kull sena fit-8 ta' Diċembru bil-vespri u quddiesa kantata. Bħala tifkira ta' min bena l-Kappella, l-arma tal-familja Spinola ġiet impittra fuq il-quċċata tal-arkata ta' fuq l-altar u twaħħlet skrizzjoni bil-Latin fil-faċċata tal-Kappella 'l fuq mill-bieb prinċipali li kienet tgħid: "IMMACULATA CONCEPTIONI SACRATISSIME VIRGINIS DICATUM A MAGNO INSURBIA PRIORE SPINOLA ANNO 1688" li tfisser li l-Kappella ġiet dedikata mill-Prijur Spinola lill-Konċepiment bla Tebgħa tal-Omm Verġni fl-1688.


Il-Kwadru Titulari tal-Immakulata Kunċizzjoni

L-aħħar referenza għal Fra Giovanni Battista Spinola tinsab fil-viżta pstorali tad-19 ta' Marzu 1736 u f'inqas minn sena miet, fl-14 ta' Frar 1737. Mal-mewt tiegħu, id-dritt tan-nomina tar-rettur ma baqax iktar fil-familja Spinola. Infatti meta l-Isqof Bartolomeo Rull għamel il-viżta pastorali fil-Kappella tal-Kunċizzjoni fil-11 t'Ottubru 1758, ir-Rettur kien Dun Giovanni Battista Scicluna, Kanonku tal-Kolleġġjata ta' San Pawl fil-Belt Valletta. Tradizzjoni antika tgħid li l-patrijott Malti Dun Gejt Mannarino, li mexxa r-rewwixta tal-qassisin kontra l-Gran Mastru Francesco Ximenez de Texada fit-8 ta' Settembru 1775, u ġie kkundanat għomru l-ħabs wara li falla l-kolp, mar joqgħod fil-Kappella tal-Kunċizzjoni, San Ġiljan, wara li nħeles mill-ħabs minn Napuljun f'Ġunju 1798 u miet hemm.


L-Istatwa Titulari tal-Immakulata Kunċizzjoni

Fost l-opri li wieħed jista' jsib f'din il-Kappella nsibu l-Kwadru Titulari tal-Immakulata Kunċizzjoni, xogħol ferm artistiku attribwit lil Filippo Venuti lejn l-aħħar tas-seklu 19 jew il-bidu tas-seklu 20, u l-Istatwa Titulari tal-Immakulata Kunċizzjoni, xogħol mill-isbaħ fil-kartapesta tal-Kav. Michael Camilleri Cauchi fl-aħħar tas-snin 80 bħala tifkira tal-Festi li saru fl-okkażjoni tat-300 sena ta' din il-Kappella fl-1988. Ta' min isemmi wkoll it-titular l-antik iddedikat lill-Madonna tar-Rużarju, attribwit lil Giuseppe D'Arena (c. 1633-1719), li jinsab ħdejn il-garigor li jagħti għall gallarija, u l-pittura tal-fundatur tal-Knisja,

il-Kavallier Fra Paolo Raffaele Spinola, li tinsab fis-Sagristija.

Fl-1914, il-faċċata l-qadima tal-Kappella ġiet mwaqqa' u ġiet mibnija mill-ġdid b'fondi mill-Isqof Anġelo Portelli filwaqt li ġiet impittra l-arma tiegħu ġewwa l-kappella fil-gallarija ta' fuq il-bieb il-maġġur. F'dawn l-aħħar sentejn, grazzi għad-Direttorat tar-Restawr fi ħdan il-Ministeru tar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali, il-Kappella tal-Kunċizzjoni għaddiet minn restawr estensiv sabiex jiġi protegut dan il-patrimonju Ġiljaniż.

B'koniċidenza ma' dan l-anniversarju ta' 325 sena, ir-Rettur tal-Kappella tal-Kunċizzjoni, il-Kan. Karm Calleja qed ifakkar il-Ġublew tad-Djamanti tas-Saċerdozju tiegħu u għalhekk nifirħulu ta' dan l-anniversarju. Għalhekk saret quddiesa fl-istess Kappella nhar id-9 t'Awwissu li għadda u festin ad unur Dun Karm.

Sabiex jitfakkar dan l-anniversarju hekk speċjali tat-325 Sena ta' din il-Kappella, nhar il-Ħadd 9 ta' Diċembru 2012, is-Soċjetà Mużikali Spinola tellgħet Akkademja Marjana ġewwa l-Kappella tal-Immakulata Kunċizzjoni, taħt il-Patroċinju tal-Isqof Awżiljajrju l-ġdid ta' Malta, l-E.T. Mons. Charles Scicluna. Il-Kappella baqgħet armata bil-libsa tal-Festa għal din l-okkażjoni u nħareġ il-kwadru tal-Kavallier Fra Paolo Raffaele Spinola mis-sagristija. Fost il-mużika sagra li għaddiet il-Banda Spinola, wieħed jista' jsemmi l-Ave Maria ta' Schubert li ġiet interpetata b'mod tajjeb meta tqis li l-maġġoranza tal-bandisti kienu tal-post. Hija ħasra li s'issa kienet din l-unika entità Ġiljaniża li fakkret dan l-anniversarju hekk importanti fl-istorja ta' raħalna.

Illum il-ġurnata wara 325 sena ta' storja, il-Kappella tal-Kunċizzjoni tipprovdi l-bżonnijiet spiritwali tal-familji li joqgħodu madwarha. Dan ilha tagħmlu minn meta saret il-fundazzjoni tal-abbazija mill-Markiż Spinola.

